MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-15 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 562/2009

Kawża Nru 20
Rik. Nru. 562/09JRM

Maria **SPITERI**

vs

**MEDITERRANEAN INSURANCE BROKERS (MALTA) LIMITED** u GasanMamo Insurance Limited, għal kull interess li jista' jkollha

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fid-9 ta’ Ġunju, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attriċi talbet li din il-Qorti ssib li s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati ta’ Malta fis-16 ta’ Ġunju, 2008 fil-kawża fl-ismijiet “*Maria Spiteri vs Richard Nigel Newbold*[1]” (Avviż Nru. 319/2007MM) hija eżegwibbli wkoll kontra ż-żewġ kumpanniji intimati. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta’ Ġunju, 2009, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka GasanMamo Insurance Limited fis-16 ta’ Lulju, 2009, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet, b’mod preliminari, li isimha kif indikat fl-okkju tal-kawża ma jeżistix u jmissu jinbidel jew inkella l-kawża ma tiswiex. Fil-mertu laqgħet billi qalet li t-talba attriċi ma jmisshiex tintlaqa’ billi m’hemm l-ebda rabta ġuridika bejnha u l-attriċi. Ċaħdet ukoll l-allegazzjoni attriċi li l-kumpannija l-oħra mħarrka setgħet qatt aġixxiet bħala aġenta tagħha ladarba kienet biss *broker*. F’kull każ, laqgħet ukoll billi qalet li s-sentenza mogħtija favur l-attriċi ma tista’ qatt tgħodd għall-eċċipjenti ladarba l-attriċi naqset li tħares id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta, u għalhekk l-istess eċċipjenti m’għandha tħallas xejn lill-attriċi;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited fit-23 ta’ Lulju, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, qalet li tonqos f’din il-Qorti s-setgħa li tisma’ l-kawża kemm minħabba li hija dwar eżekuzzjoni ta’ sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (u għalhekk din il-kawża messha saret ukoll quddiem dik il-Qorti) u kif ukoll minħabba li s-somma pretiża mill-attriċi taqa’ fil-kompetenza tal-Qorti tal-maġistrati u mhux ta’ din il-Qorti; laqgħet ukoll bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li t-talba attriċi ma hix mistħoqqa u dan għaliex l-attriċi

[1] Fl-atti kollha rilevanti quddiem il-Qrati fejn kien meqjus dan il-każ, kunjom l-intimat kien imniżżel bħala « Newbould »

naqset li tħares dak li titlob il-liġi fil-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk m'hemm l-ebda rabta magħha;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Novembru, 2009, fuq rikors imressaq mill-kumpannija mħarrka GasanMamo Insurance Limited fis-6 ta' Novembru, 2009, li bih laqgħet it-talba tagħha biex titħalla tressaq eċċezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni;

Rat it-Tweġiba Ulterjuri tal-imsemmija kumpannija mħarrka li biha ressqet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi għall-finijiet tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Diċembru, 2009, li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kumpannija mħarrka MIB (Malta) Limited li, b'verbal magħmul waqt dak is-smigħ mill-avukat tagħha, tfissret bħala eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris*;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal eżekuzzjoni ta' sentenza kontra kumpannija assikuratriċi. L-attriċi kienet fetħet kawża għad-danni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kontra sewwieq li tajjarha hi u taqsam minn fuq *pedestrian crossing*. Wara li rebħet dik il-kawża u ngħatat raġun, is-sewwieq li tajjarha ma kienx għadu joqgħod Malta u għalhekk hija fetħet din il-kawża biex teżegwixxi dik is-sentenza kontra l-kumpanniji mħarrka bħala assikuraturi tal-persuna li tajritha;

Illi għal din l-azzjoni, l-kumpannija mħarrka GasanMamo Insurance Limited laqgħet b'eċċezzjoni preliminari (li rtiratha wara li l-Qorti ordnat bdil fl-atti tal-kawża) u wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi l-kumpannija l-oħra mħarrka Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited laqgħet ukoll b'eċċezzjonijiet preliminari u eċċezzjonijiet fil-mertu. L-eċċezzjonijiet preliminari kienu tnejn: li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tisma' l-kawża minħabba li t-talba tirrigwarda eżekuzzjoni ta' kreditu li l-ammont tiegħu ma jaqax fil-kompetenza ta' din il-Qorti, imma ta' qorti ta' kompetenza anqas; u li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-mogħdija ta' żmien ta' sentejn minn mindu messha tressqet it-talba;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kompetenza *ratione valoris*;

Illi mill-<u>fatti rilevanti li jolqtu l-każ</u> joħroġ li nhar it-12 ta' Mejju, 2006, waqt li l-attriċi kienet qiegħda taqsam Triq il-Pijunieri, San Pawl il-Baħar, minn fuq *pedestrian crossing* għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija, ittajret b'daqqa ta' karozza misjuqa minn wieħed Richard Nigel Newbould. B'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-19 ta' Ġunju, 2006[2], Newbould instab ħati talli, fost l-oħrajn, involontarjament ikkawża ġrieħi ħfief lill-attriċi. Huwa ammetta l-akkużi mressqin kontrih. F'April, 2007[3], l-attriċi ressqet ittra uffiċjali fil-Qorti tal-Maġistrati kontra Newbould u l-kumpannija AON Malta Limited biex titlobhom jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni li hija ġarrbet minħabba f'dak l-inċident. Ftit wara, hija fetħet kawża għad-danni fil-Qorti tal-Maġistrati kontra Newbould, liema kawża nqatgħet favur l-attriċi b'sentenza tas-16 ta' Ġunju, 2008[4]. Hija ngħatat kumpens ta' ħdax-il elf tliet mija u tnejn u disgħin euro u tlettax-il ċenteżmi (€ 11,392.13). Minn dik is-sentenza ma sar l-ebda appell;

---
[2] Dok "D", f'paġġ. 17 – 9 tal-proċess
[3] Dok "Ċ", f'paġ. 15 tal-proċess
[4] Dok "B", f'paġġ. 11 – 2 tal-proċess

Illi fid-9 ta' Settembru, 2008, l-attriċi ħarġet ittra uffiċjali kontra l-kumpannija mħarrka Gasan Mamo Insurance p.l.c. biex, bħala l-kumpannija assikuratriċi tad-debitur Newbould, titlobha tagħmel tajjeb għal-kumpens mogħti lilha bl-imsemmija sentenza. B'ittra uffiċjali tas-16 ta' Settembru, 2008[5], Gasan Mamo warrbet dik l-interpellazzjoni billi qalet li s-sentenza ma setgħetx tkun eżegwita kontra tagħha. F'Novembru tal-2008[6], l-attriċi talbet u kisbet il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv kontra Newbould u kontra l-kumpannija AON Malta Limited. Fil-5 ta' Ġunju, 2009, fetħet din il-kawża;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami jinbnew fuq l-għarfien sewwa tal-għamla ta' azzjoni li l-Qorti għandha quddiemha llum. L-azzjoni attriċi hija waħda li titlob dikjarazzjoni li titolu eżekuttiv miksub mill-attriċi jagħmel stat ukoll fil-konfront taż-żewġ kumpanniji mħarrkin;

Illi waqt it-trattazzjoni magħmula quddiem il-Qorti dwar l-istess eċċezzjoni, l-għaref difensur tal-kumpannija mħarrka MIB (Malta) Limited tenna li l-kawża li għandha quddiemha l-Qorti m'hijiex waħda ta' sejbien ta' ħtija li tinbena fuq valur indeterminat li għad irid jiġi likwidat (eżerċizzju li sar mill-Qorti tal-Maġistrati bis-saħħa tal-kawża li l-attriċi kienet fetħet kontra Newbould), imma waħda li tipprova teżegwixxi titolu eżekuttiv li l-valur tiegħu jaqa' lil hinn mill-kompetenza ta' din il-Qorti. Min-naħa tiegħu, l-għaref difensur tal-attriċi warrab l-imsemmi argument billi qal li l-qofol tal-kwestjoni marbut mal-kawża tal-lum huwa d-determinazzjoni minn din il-Qorti tal-effetti tat-titolu miksub mill-attriċi fuq iż-żewġ kumpanniji mħarrkin skond il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa jgħid li determinazzjoni bħal din hija waħda ta' valur indeterminat u, allura, li taqa' fis-setgħat ta' din il-Qorti;

Illi tajjeb li jingħad li l-eċċezzjoni taħt eżami tintrabat ma' dak li jipprovdi l-artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa ċar li din tintrabat mal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu flimkien mal-artikolu 746, li jirreferi għall-

[5] Dok "GM1", f'paġ. 27 tal-proċess
[6] Dok "A", f'paġġ. 8 sa 10 tal-proċess

artikoli miġjubin warajh. Skond l-artikolu 747(1) tal-Kap 12, kawża ta' valur inċert jew indeterminat titqies dejjem li taqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata. Fost it-tliet ċirkostanzi li l-liġi ssemmi bħala kawżi ta' valur indeterminabbli wieħed isib dawk il-kawżi li fihom il-valur tal-ħaġa ma jirriżultax mit-talba attriċi u lanqas jista' jiġi determinat kif jingħad fl-artikoli l-oħrajn li jitkellmu dwar id-determinazzjoni tal-valur tal-kawża. Dan ifisser, mela, li jekk il-valur ma jissemmiex fit-talba attriċi ma jġibx, fih innifsu biss, li dik il-kawża hija waħda ta' valur inċert jekk dak il-valur huwa determinabbli;

Illi, madankollu, jibqa' l-fatt li fejn il-valur ta' talba huwa inċert jew mhux determinat, il-Qorti xierqa biex tisma' dik it-talba skond ir-rieda espressa tal-liġi hija din il-Qorti[7]. Dan ukoll jagħmel parti mit-tifsira li taw il-Qrati tagħna għar-rigward, fejn ġie stabilit b'awtorita' li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (u mhux il-Qorti inferjuri) kienet kompetenti tisma' l-kawża għax l-attur ressaq talba għal-likwidazzjoni ta' danni, minkejja li fl-istess waqt iċċensuratu talli messu kien jaf li l-ogħla ammont ta' kumpens li seta' jieħu ma kien qatt jisboq ammont li joħroġ mill-kompetenza ta' dik il-Qorti inferjuri[8];

Illi huwa għalhekk li jingħad li, bħala regola, l-kompetenza tal-Qorti hija meqjusa fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet, mit-termini nfushom tat-talba attriċi billi huwa dak l-att promotur kif imressaq (bil-premessi u t-talbiet marbuta magħhom) li jiddefinixxi l-wisgħa u l-limiti tal-kompetenza tal-Qorti biex tisma' l-każ[9];

Illi l-imsemmija regola ewlenija hija komplimentata bl-oħra fejn jingħad li l-kwestjoni ta' kompetenza ma tkunx determinata biss minn dak li jingħad fl-azzjoni attriċi, imma wkoll minn dak li jressaq l-imħarrek bħala eċċezzjoni[10]. Kemm hu hekk, fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-5 ta' Novembru, 1992, fil-

---

[7] Art 32 tal-Kap 12
[8] Ara, per eżempju, App. Ċiv **4.11.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Mifsud*** (Kollez. Vol: **XLVII.i.406**)
[9] App. Ċiv. **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et*** (mhix pubblikata)
[10] App. Inf. **31.7.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żammit vs Joseph Ellul noe*** (mhix pubblikata)

kawza fl-ismijiet _Ġużeppa Borġ vs Maria Mizzi et_[11] ingħad li "għall-fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti, għandu jittieħed kont mhux biss tat-talbiet attriċi imma wkoll tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut";

Illi ngħad ukoll li meta l-mertu ta' xi talba attriċi jkun ta' valur indeterminat, il-Qrati superjuri jkollhom is-setgħa li jisimgħu l-kawża, minkejja li xi talbiet oħrajn jaqgħu fi ħdan il-kompetenza tal-Qrati inferjuri[12];

Illi jekk wieħed iħares lejn kemm il-premessi u kif ukoll it-talba tal-attriċi, wieħed ma jilmaħ imkien xi ħaġa li, minnha nnifisha, titfa' dawl fuq xi talba ta' valur determinat jew determinabbli. Kulma jissemma huwa l-effett tas-sentenza fuq iż-żewġ kumpanniji mħarrka. Il-fattur waħdieni li jidher li jxellef din l-istampa huwa l-fatt li s-sentenza li fuqha l-attriċi ssejjes din il-kawża hija waħda li ħalqet kreditu ta' valur determinat li jaqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati skond l-artikolu 47(1) tal-Kapitolu 12, u li l-attriċi temmen li dak il-kreditu huwa eżegwibbli kontra l-kumpanniji mħarrkin, jew min minnhom;

Illi wara li l-Qorti qieset sewwa l-għan essenzjali tal-azzjoni attriċi jidhrilha li jgħodd għaliha dak li jiddisponi l-artikolu 748(b) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Dan għaliex issib li t-talba tal-attriċi hija dwar ħaġa (l-eżegwibilita') li l-valur tagħha hu determinat fit-titolu (jiġifieri s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati f'Ġunju tal-2007) li jagħti kawża għall-azzjoni. L-attriċi nnifisha tistqarr li din il-kawża tagħha tal-lum hija msejsa fuq it-titolu eżekuttiv li hija kisbet bis-saħħa tas-sentenza msemmija. Mhux hekk biss, imma l-azzjoni tagħha tallum trid li dak it-titolu jkun eżegwibbli kontra l-kumpanniji mħarrkin. F'każ bħal dan, ladarba jidher ċar li dak it-titolu huwa wieħed ta' valur determinat u li dak il-valur jaqa' fil-kompetenza ta' Qorti li m'hijiex din, allura wkoll kieku l-attriċi għandha raġun dwar

[11] P.A. JSP [Ċitazz. 1104/92]
[12] App. Ċiv. **12.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Pauline Mizzi et vs Conċetta Key*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.100**)

dak li qiegħda titlob f'din il-kawża, jibqa' xorta waħda l-fatt li l-kwestjoni ma hix waħda li tista' tqis din il-Qorti[13];

Illi l-Qorti tqis ukoll li t-talba tal-attriċi f'din il-kawża m'hijiex waħda li l-Qorti tal-maġistrati nnifisha ma tistax tqis hi skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47(3) tal-Kodiċi;

Illi, minħabba f'hekk, il-Qorti ssib li l-eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited dwar il-valur tal-kawża hija mistħoqqa u sejra tilqagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-kumpannija mħarrka Mediterranean Insurance Brokers (Malta) Limited u tgħid li l-azzjoni attriċi m'hijiex waħda li taqa' fil-kompetenza ta' din il-Qorti, bl-**ispejjeż kontra l-attriċi.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[13] Ara, f'dan ir-rigward, P.A. RCP **30.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***George Tonna vs Peter Tonna et*** li wkoll kienet tittratta dwar ir-rabta fuq terzi ta' titolu maħluq bis-saħħa ta' kreditu kanonizżat b'sentenza kontra terza persuna